SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

23 ta' Jannar 2019*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Għajnuna mill-Istat – Għajnuna eżistenti u għajnuna ġdida – Klassifikazzjoni – Regolament (KE) Nru 659/1999 – Artikolu 1(b)(iv) u (v) – Prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi – Applikabbiltà – Sussidji mogħtija qabel il-liberalizzazzjoni ta' suq inizjalment magħluq għall-kompetizzjoni – Azzjoni għad-danni kontra l-Istat Membru mressqa minn kompetitur tal-kumpannija benefiċjarja"

Fil-Kawża C-387/17,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Corte suprema di cassazione (il-Qorti tal-Kassazzjoni, l-Italja), permezz ta' deċiżjoni tal-10 ta' April 2017, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-28 ta' Ġunju 2017, fil-proċedura

**Presidenza del Consiglio dei Ministri**

vs

**Fallimento Traghetti del Mediterraneo SpA,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn R. Silva de Lapuerta, Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qed taġixxi bħala President tal-Ewwel Awla, A. Arabadjiev (Relatur), E. Regan, C. G. Fernlund u S. Rodin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Wahl,

Reġistratur: R. Schiano, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-7 ta' Ġunju 2018,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Fallimento Traghetti del Mediterraneo SpA, minn G. Contaldi, P. Canepa, V. Roppo u S. Sardano, avvocati,

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn G. De Bellis, avvocato dello Stato,

– għall-Gvern Franċiż, minn J. Bousin kif ukoll minn P. Dodeller, D. Colas u R. Coesme, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn P. Stancanelli u D. Recchia, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-13 ta' Settembru 2018,

tagħti l-preżenti

**Sentenza**

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(b)(iv) u (v) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu [108 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339), tal-Artikolu 93(3) tat-Trattat KEE (li sar, wara emenda, l-Artikolu 88(3) KE, li huwa stess sar l-Artikolu 108(3) TFUE), kif ukoll tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn il-Presidenza del Consiglio dei Ministri (il-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri, l-Italja) u Fallimento Traghetti del Mediterraneo SpA (iktar 'il quddiem "FTDM") dwar talba għall-kumpens għad-dannu li din il-kumpannija allegatament ġarrbet minħabba l-għoti, matul is-snin 1976 sa 1980, ta' sussidji lil Tirrenia di Navigazione SpA (iktar 'il quddiem "Tirrenia"), impriża kompetitriċi ta' FTDM.

## Il-kuntest ġuridiku

### *Id-dritt tal-Unjoni*

3 L-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 659/1999, intitolat "Definizzjonijiet", kien jipprevedi li:

"Għall-għan ta' dan ir-Regolament:

[...]

(b) "għajnuna eżistenti" għandha tfisser:

[...]

(iv) għajnuna li tinftiehem li hi għajnuna eżistenti skond l-Artikolu 15;

(v) għajnuna li tinftiehem li hi għajnuna eżisten[t]i minħabba li jista' jitwaqqaf li meta daħlet fis-seħħ ma kkostitwietx għajnuna, u sussegwentement saret għajnuna minħabba l-evoluzzjoni tas-suq komuni u mingħajr ma nbidlet mill-Istat Memrbu. Billi ċerti miżuri jsiru għajnuna wara l-liberalizzazzjoni ta' attività mill-liġi tal-Komunità, dawn il-miżuri m'għandhomx ikunu kkunsidrati li huma għajnuna eżistenti wara d-data ffissata għall-liberalizzazzjoni;

[...]"

4 L-Artikolu 15 ta' dan ir-regolament, intitolat "Perjodu ta' limitazzjoni [preskrizzjoni]", kien jipprevedi li:

"1. Il-poteri tal-Kummissjoni sabiex jirkupraw [tirkupra] l-għajnuna għandhom ikunu suġġett[i] għal perjodu ta' limitazzjoni [preskrizzjoni] ta' għaxar snin.

2. Il-perjodu ta' limitazzjoni għandu jibda dakinhar li fih l-għajnuna llegali tingħata lill-benefiċarju jew bħala għajnuna individwali jew bħala għajnuna taħt skema ta' għajnuna. Kull azzjoni meħudha mill-Kummissjoni jew minn Stat Membru, li jaġixxi fuq talba tal-Kummissjoni, b'rigward

għall-għajnuna llegali għandha tinterrompi l-perjodu ta' limitazzjoni. Kull interuzzjoni għandha tibda l-ħin mill-ġdid. Il-perjodu ta' limitazzjoni għandu jkun sospiż sakemm id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tkun is-suġġett ta' proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.

3. Kull għajnuna li għaliha jkun skada l-perjodu ta' limitu, għandha tinftiehem li hi għajnuna eżistenti."

### *Id-dritt Taljan*

5 Is-sussidji inkwistjoni fil-kawża prinċipali ngħataw lil Tirrenia, impriża ta' navigazzjoni kompetitriċi ta' FTDM, skont il-legge n. 684 – Ristrutturazione dei servizi marittimi di preminente interesse nazionale (il-Liġi Nru 684 li Tirrigwarda r-Ristrutturazzjoni tas-Servizzi Marittimi ta' Interess Nazzjonali Ewlieni), tal-20 ta' Diċembru 1974 (GURI Nru 336, tal-24 ta' Diċembru 1974, iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 684").

6 L-Artikolu 7 tal-Liġi Nru 684 jipprevedi dan li ġej:

"Il-Ministru tal-Flotta Merkantili huwa awtorizzat jagħti sussidji għall-provvista tas-servizzi msemmija fl-artikolu preċedenti, billi jikkonkludi ftehim *ad hoc* annwali, b'konsultazzjoni mal-Ministri tat-Teżor u tal-Investimenti tal-Istat.

Is-sussidji speċifikati fil-paragrafu preċedenti għandhom jiggarantixxu, matul it-tliet snin, il-ġestjoni tas-servizzi f'kundizzjonijiet ta' ekwilibru ekonomiku. L-ewwel nett, dawn is-sussidji għandhom jiġu stabbiliti abbażi ta' dħul nett, ta' deprezzament ta' investimenti, ta' spejjeż ta' operat, ta' spejjeż ta' funzjonament u ta' piżijiet finanzjarji.

[…]"

7 L-Artikolu 8 tal-Liġi Nru 684 jipprevedi li:

"Is-servizzi ta' konnessjoni mal-gżejjer il-kbar u ż-żgħar, speċifikati fl-Artikolu 1(c), u l-eventwali estensjonijiet teknikament u ekonomikament neċessarji, għandhom jissodisfaw rekwiżiti relatati mal-iżvilupp ekonomiku u soċjali tar-reġjuni kkonċernati, b'mod partikolari tal-Mezzogiorno.

Konsegwentement il-Ministru tal-Flotta Merkantili huwa awtorizzat li jagħti sussidji għall-provvista tal-imsemmi servizzi, billi jikkonkludi ftehim *ad hoc*, b'konsultazzjoni mal-Ministri tat-Teżor u tal-Investimenti tal-Istat, għal perijodu ta' għoxrin sena."

8 Skont l-Artikolu 9 tal-Liġi Nru 684:

"Il-ftehim imsemmi taħt l-artikolu preċedenti għandu jistipula:

1) il-lista ta' rotot li għandhom jiġu żgurati;

2) il-frekwenza ta' kull rotta;

3) it-tipi ta' bastimenti allokati għal kull rotta;

4) is-sussidji li għandhom jiġu ffissati skont dħul nett, id-deprezzament tal-investimenti, spejjeż ta' operat, spejjeż ta' funzjonament u piżijiet finanzjarji.

Qabel it-30 ta' Ġunju ta' kull sena, is-sussidju li għandu jitħallas għall-imsemmija sena għandu jiġi aġġustat jekk, matul is-sena preċedenti, fl-inqas wieħed mill-komponenti ekonomiċi speċifikati fil-ftehim kien hemm bdil li jeċċedi l-ekwivalenti għal wieħed minn għoxrin tal-valur meħud inkunsiderazzjoni għall-istess post meta ġie ffissat is-sussidju preċedenti."

9 L-Artikolu 18 tal-Liġi Nru 684 jistabbilixxi li:

"Il-piż finanzjarju li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' din il-liġi huwa kopert sa ITL 93 biljun mill-fondi diġà inklużi fil-Kapitolu 3061 tal-istima provviżorja tal-ispejjeż tal-Ministru tal-Flotti Merkantili għas-sena 1975 u minn dawk li ser jiġu inklużi fil-kapitoli li jikkorrispondu għas-snin finanzjarji li ġejjin."

10 L-Artikolu 19 tal-Liġi Nru 684 jipprevedi dan li ġej:

"Sad-data tal-approvazzjoni tal-ftehim ipprovduti f'din il-liġi, il-Ministru tal-Flotti Merkantili, bi ftehim mal-Ministru tat-Teżor, għandu jagħmel, permezz ta' pagamenti mensili differiti, ħlasijiet akkont li l-ammont globali tagħhom ma jeċċedix iktar minn [disgħin] fil-mija tal-ammont totali indikat fl-Artikolu 18."

11 L-Artikolu 7 tad-Digriet tal-President tar-Repubblika Nru 501, tal-1 ta' Ġunju 1979 (GURI Nru 285, tat-18 ta' Ottubru 1979), adottat għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Liġi Nru 684, jispeċifika li l-ħlasijiet akkont imsemmija fl-Artikolu 19 tal-imsemmija liġi għandhom jsiru lill-kumpanniji li jipprovdu servizzi ta' interess nazzjonali ewlieni sad-data tar-reġistrazzjoni, mill-Corte dei conti (il-Qorti tal-Awdituri, l-Italja), tal-atti li jirrigwardaw il-konklużjonijiet tal-ftehimiet il-ġodda.

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

12 Kif jirriżulta mis-sentenzi tat-13 ta' Ġunju 2006, Traghetti del Mediterraneo (C-173/03, EU:C:2006:391), u tal-10 ta' Ġunju 2010, Fallimento Traghetti del Mediterraneo (C-140/09, EU:C:2010:335), FTDM u Tirrenia huma żewġ impriżi ta' trasport marittimu li, fis-snin 70, kienu jwettqu kunsinni marittimi regolari bejn l-Italja kontinentali u l-gżejjer ta' Sardinja u ta' Sqallija.

13 Fl-1981, FTDM ressqet kawża kontra Tirrenia quddiem it-Tribunale di Napoli (il-Qorti ta' Napoli, l-Italja) sabiex tingħata kumpens għad-dannu li hija allegatament kienet ġarrbet minħabba l-politika ta' prezzijiet baxxi pprattikata minn din tal-aħħar bejn l-1976 u l-1980. FTDM sostniet li Tirrenia kienet abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha fis-suq inkwistjoni billi pprattikat prezzijiet ħafna orħos mill-valur bis-saħħa tal-ħlas ta' sussidji pubbliċi bi ksur tad-dritt tal-Unjoni.

14 It-talba ta' FTDM ġiet miċħuda b'sentenza tat-Tribunale di Napoli (il-Qorti ta' Napoli) tas-26 ta' Mejju 1993, ikkonfermata bis-sentenza tal-Corte d'appello di Napoli (il-Qorti tal-Appell ta' Napoli, l-Italja) tat-13 ta' Diċembru 1996.

15 L-appell minn din is-sentenza ppreżentat mill-kuratur tal-proċedura ta' falliment ta' FTDM, kumpannija li sadanittant tqiegħdet fi stralċ, ġie miċħud mill-Corte suprema di cassazione (il-Qorti tal-Kassazzjoni, l-Italja) tad-19 ta' April 2000, li b'mod partikolari rrifjutat li tilqa' t-talba tal-kuratur li jsiru domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tal-Liġi Nru 684, għar-raġuni li s-soluzzjoni adottata mill-qorti li ddeċidiet fuq il-mertu kienet tosserva d-dispożizzjonijiet rilevanti u kienet konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

16 Permezz ta' att tal-15 ta' April 2002, il-kuratur tal-proċedura ta' falliment ta' FTDM ressaq kawża kontra l-Istat Taljan quddiem it-Tribunale di Genova (il-Qorti ta' Genova, l-Italja), sabiex dan l-Istat jinżamm responsabbli għal diversi raġunijiet: fil-funzjoni leġiżlattiva tiegħu, talli ta għajnuna, skont il-Liġi Nru 684, inkompatibbli mat-Trattat KEE; fil-funzjoni ġudizzjarja tiegħu, talli naqas milli

jwettaq, permezz tas-sentenza tal-Corte di Cassazione (il-Qorti tal-Kassazzjoni) tad-19 ta' April 2000, l-obbligu li jagħmel domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-konformità mad-dritt tal-Unjoni tal-Liġi Nru 684, u, fl-aħħar nett, fil-funzjoni amministrattiva tiegħu, talli naqas milli jinforma lill-Corte suprema di Cassazione (il-Qorti tal-Kassazzjoni) bil-ftuħ ta' proċedura ta' ksur quddiem il-Kummissjoni Ewropea, fir-rigward ta' din il-liġi, u talli naqas milli jwettaq l-obbligi ta' kooperazzjoni leali mal-istituzzjonijiet Ewropej.

17 Fir-rikors tagħha, FTDM talbet li l-Istat Taljan jiġi kkundannat iħallasha s-somma ta' EUR 9 240 000 bħala kumpens għad-dannu mġarrab minnha.

18 Fl-14 ta' April 2003, it-Tribunale di Genova (il-Qorti ta' Genova, l-Italja) ressqet talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Din wasslet għas-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2006, Traghetti del Mediterraneo (C-173/03, EU:C:2006:391).

19 Wara din is-sentenza, it-Tribunale di Genova (il-Qorti ta' Genova) ikkonstatat, permezz ta' sentenza tas-27 ta' Frar 2009, "l-eżistenza tal-illegalità mwettqa mill-Istat ġudikanti" u ordnat it-tkomplija tal-proċedura, permezz ta' digriet separat, sabiex tiġi deċiża t-talba għal kumpens għad-danni li jirriżultaw minn din l-illegalità. Huwa f'dan l-istadju tal-imsemmija proċeduri li, peress li kellha dubji dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għal dak li jirrigwarda l-għajnuna mill-Istat, hija ressqet mill-ġdid talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

20 Permezz ta' sentenza tal-10 ta' Ġunju 2010, Fallimento Traghetti del Mediterraneo (C-140/09, EU:C:2010:335), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "[i]d-dritt tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li sussidji mħallsa f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, skont leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi għall-pagament ta' akkont qabel l-approvazzjoni ta' ftehim, jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, jekk dawn is-sussidji jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn Stati Membri u jkunu ta' distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni, u dan għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju."

21 Permezz ta' deċiżjoni tat-30 ta' Lulju 2012, it-Tribunale di Genova (il-Qorti ta' Genova) ikkundannat lill-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri sabiex tħallas lil FTDM is-somma ta' EUR 2 330 355.78, miżjuda sabiex tirrifletti l-bidliet fil-valuri monetarji u flimkien mal-interessi, bħala kumpens għad-dannu mġarrab minn din tal-aħħar minħabba l-aġir illegali tal-Istat fil-funzjoni ġudizzjarja tiegħu.

22 Il-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri, b'mod prinċipali, u FTDM, b'mod inċidentali, appellaw minn din id-deċiżjoni.

23 Permezz ta' sentenza tal-24 ta' Lulju 2014, il-Corte di appello di Genova (il-Qorti tal-Appell ta' Genova, l-Italja) annullat l-imsemmija deċiżjoni u ddeċidiet fuq il-mertu tal-kawża.

24 Filwaqt li ċaħdet it-talbiet għal kumpens ta' FTDM ibbażati fuq ir-responsabbiltà tal-Istat Taljan fil-funzjoni ġudizzjarja u amministrattiva tiegħu, din il-qorti laqgħet dik ibbażata fuq ir-responsabbiltà ta' dan l-Istat fil-funzjoni leġiżlattiva tiegħu, minħabba l-adozzjoni, mill-Parlament Taljan, tal-Liġi Nru 684. Konsegwentement, hija kkundannat lill-imsemmi Stat sabiex iħallas lil FTDM is-somma ta' EUR 2 330 355.78, miżjuda sabiex tirrifletti l-bidliet fil-valuri monetarji u flimkien mal-interessi, bħala kumpens għad-dannu mġarrab minn din il-kumpannija.

25 Il-Corte di appello di Genova (il-Qorti tal-Appell ta' Genova) qieset, b'mod partikolari, li s-sussidji mogħtija lil Tirrenia setgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn Stati Membri peress li, "għal raġunijiet ta' prossimità ġeografika, ir-rotot moqdija minn Tirrenia, setgħu jiġu operati minn operaturi ta' Stati Membri oħra (b'mod partikolari [ir-Renju ta' Spanja] u [ir-Repubblika Franċiża]) li, madankollu, kien ikollhom kundizzjonijiet żvantaġġużi meta mqabbla ma' dik tal-ewwel".

26 Barra minn hekk, din il-qorti qieset li l-preżenza ta' operaturi ta' Stati Membri oħra fuq ir-rotot moqdija minn Tirrenia kienet ġiet ikkonstatata mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni 2001/851/KEE tagħha tal-21 ta' Ġunju 2001 dwar l-għajnuna mill-Istat mogħtija mill-Italja lill-kumpannija marittima Tirrenia di Navigazione (ĠU 2001, L 318, p. 9).

27 Minbarra dan, l-imsemmija qorti kkonstatat li, fid-dawl tal-valur sinjifikattiv tas-sussidji mħallsa matul is-snin inkwistjoni, jiġifieri madwar 400 biljun lira Taljana (ITL), u l-fatt li Tirrenia kienet topera wkoll fuq rotot internazzjonali, dawn is-sussidji kienu jaqgħu wkoll taħt l-iskema pprojbita ta' sussidji msejħa trażversali.

28 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Corte di appello di Genova (il-Qorti tal-Appell ta' Genova) qieset li s-sussidji inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sa fejn ma kinux jeżistu qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat KEE, kellhom jitqiesu bħala għajnuna ġdida, suġġetti għall-obbligu ta' notifika skont l-Artikolu 93(3) tat-Trattat KEE, b'mod li, fin-nuqqas ta' tali notifika, kien hemm ksur tad-dritt tal-Unjoni.

29 Il-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri appellat fil-kassazzjoni kontra din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju, billi sostniet b'mod partikolari li s-sussidji mogħtija lil Tirrenia kienu ġew ikklassifikati b'mod żbaljat bħala għajnuna ġdida u mhux bħala għajnuna eżistenti.

30 Il-qorti tar-rinviju tosserva, l-ewwel nett, li, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ġuridika ta' għajnuna eżistenti jew ta' għajnuna ġdida ta' għajnuna mill-Istat mogħtija fil-kuntest ta' suq mhux liberalizzat, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandha tiġi eżaminata l-applikabbiltà *ratione temporis* tal-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999 kif ukoll il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

31 Sussegwentement, din il-qorti tenfasizza l-importanza ta' waħda mill-karatteristiċi tas-suq ikkonċernat, jiġifieri l-assenza ta' liberalizzazzjoni tas-suq. Għalhekk, hija tqis li, fil-punt 143 tas-sentenza tagħha tal-15 ta' Ġunju 2000, Alzetta *et* vs Il-Kummissjoni (T-298/97, T-312/97, T-313/97, T-315/97, T-600/97 sa T-607/97, T-1/98, T-3/98 sa T-6/98 u T-23/98, EU:T:2000:151), il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej identifikat prinċipju li jgħid li skema ta' għajnuna stabbilita f'suq inizjalment magħluq għall-kompetizzjoni għandha titqies, wara l-liberalizzazzjoni ta' dak is-suq, li hija skema ta' għajnuna eżistenti, u żżid li dan il-prinċipju ġie kkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punti 66 sa 69 tas-sentenza tad-29 ta' April 2004, L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-298/00 P, EU:C:2004:240). Għaldaqstant, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ġuridika tas-sussidji inkwistjoni fil-kawża prinċipali bħala għajnuna eżistenti jew bħala għajnuna ġdida, għandu jiġu eżaminat ukoll il-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi prinċipju.

32 Madankollu, il-qorti tar-rinviju osservat ukoll li minn numru ta' kawżi li jirrigwardaw lill-impriżi tal-Gruppo Tirrenia di Navigazione, li taw lok għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Mejju 2005, L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-400/99, EU:C:2005:275), u għas-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Ġunju 2007, Tirrenia di Navigazione *et* vs Il-Kummissjoni (T-246/99, mhux ippubblikata, EU:T:2007:186), u tal-4 ta' Marzu 2009, Tirrenia di Navigazione *et* vs Il-Kummissjoni (T-265/04, T-292/04 u T-504/04, mhux ippubblikata, EU:T:2009:48), jirriżulta li l-assenza ta' liberalizzazzjoni tas-suq tal-kabotaġġ marittimu ġiet meqjusa bħala irrilevanti għall-klassifikazzjoni ta' ċerti miżuri inkwistjoni f'dawn il-kawżi bħala għajnuna eżistenti.

33 Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 1(b)(iv) tar-Regolament Nru 659/1999, moqri flimkien mal-Artikolu 15 ta' dan ir-regolament, fir-rigward tas-sussidji mogħtija qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament. Skont din il-qorti, mis-sentenza tas-16 ta' April 2015, Trapeza Eurobank Ergasias (C-690/13, EU:C:2015:235), jirriżulta li dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jkunu applikabbli għall-fatti li seħħew qabel id-dħul fis-seħħ tal-istess regolament.

34 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Corte suprema di cassazione (il-Qorti tal-Kassazzjoni) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) [G]ħall-finijiet tal-klassifikazzjoni tal-għajnuna inkwistjoni (bħala għajnuna 'eżistenti' u għaldaqstant mhux 'ġdida'), għandu jiġi applikat, u sa liema punt, l-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament Nru 659/1999, li jipprovdi li "għajnuna li tinftiehem li hi għajnuna eżisteni minħabba li jista' jitwaqqaf li meta daħlet fis-seħħ ma kkostitwietx għajnuna, u sussegwentement saret għajnuna minħabba l-evoluzzjoni tas-suq komuni u mingħajr ma nbidlet mill-Istat Memrbu. Billi ċerti miżuri jsiru għajnuna wara l-liberalizzazzjoni ta' attività mill-liġi tal-Komunità, dawn il-miżuri m'għandhomx ikunu kkunsidrati li huma għajnuna eżistenti wara d-data ffissata għall-liberalizzazzjoni", jew għandu jiġi applikat, u f'dan il-każ sa liema punt, il-prinċipju (li l-portata tiegħu hija formalment differenti minn dak tad-dispożizzjoni sostantiva ta' dritt imsemmija iktar 'il fuq) – stabbilit mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza tagħha tal-15 ta' Ġunju 2000, Alzetta *et* vs Il-Kummissjoni, (T-298/97, T-312/97, T-313/97, T-315/97, T-600/97 sa T-607/97, T-1/98, T-3/98 sa T-6/98 u T-23/98, EU:T:2000:151, punt 143, u kkonfermata [kkonfermat], sa fejn hija ta' rilevanza għal din il-kawża, mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tad-29 ta' April 2004, L-Italja vs Il-Kummissjoni, (C-298/00 P, EU:C:2004:240, punti 66 sa 69) – li tipprovdi [jipprovdi] li "[...] skema ta' għajnuna introdotta f'suq li qabel kien magħluq għall-kompetizzjoni għandha titqies, wara l-liberalizzazzjoni ta' dak is-suq, li hija skema ta' għajnuna eżistenti, peress li mal-introduzzjoni tagħha ma kinitx taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 92(1) tat-Trattat [li sar l-Artikolu 87(1) KE, li huwa stess sar l-Artikolu 107(1) TFUE] li, fid-dawl tar-rekwiżiti elenkati f'dik id-dispożizzjoni dwar l-effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u r-riperkussjonijiet fuq il-kompetizzjoni, tapplika [japplika] biss għas-setturi miftuħa għall-kompetizzjoni"?

2) Fi kwalunkwe każ, u dejjem għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tal-għajnuna msemmija iktar 'il fuq, għandu jiġi applikat, u jekk ikun il-każ sa liema punt, l-Artikolu 1(b)(iv) tal-istess Regolament Nru 659/1999, li jiddefinixxi l-għajnuna eżistenti bħala li hija "għajnuna li tinftiehem li hi għajnuna eżistenti skond l-Artikolu 15" – b'din id-dispożizzjoni tal-aħħar tistabbilixxi fir-rigward tagħha terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin għall-irkupru tal-għajnuna mogħtija illegalment –, jew għandhom jiġu applikati, u jekk ikun il-każ, sa liema punt (simili jew le għall-prinċipju elenkat fid-dispożizzjoni sostantiva ta' dritt imsemmija iktar 'il fuq), il-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali?"

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ewwel domanda*

35 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk is-sussidji mogħtija lil impriża qabel id-data tal-liberalizzazzjoni tas-suq ikkonċernat, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jistgħux jiġu kklassifikati bħala għajnuna eżistenti unikament minħabba l-assenza formali ta' liberalizzazzjoni tal-imsemmi suq fil-mument tal-għoti tagħhom.

36 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-klassifikazzjoni ta' miżura nazzjonali bħala għajnuna mill-Istat teħtieġ li l-kundizzjonijiet kollha segwenti jiġu ssodisfatti. L-ewwel nett, għandu jkun hemm intervent tal-Istat jew permezz tar-riżorsi tal-Istat. It-tieni nett, dan l-intervent għandu jkun jista' jaffettwa l-kummerċ bejn Stati Membri. It-tielet nett, dan għandu jagħti vantaġġ selettiv lill-benefiċjarju tiegħu. Ir-raba' nett, dan għandu joħloq distorsjoni jew jhedded li joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni (ara s-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group *et*, C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981, punt 53).

37 Fid-dawl ta' dan, għandu jiġi vverifikat, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li fiha s-suq ikkonċernat ma kienx għadu nfetaħ formalment għall-kompetizzjoni, jekk, fiż-żmien li ngħataw, is-sussidji kkonċernati kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat għaliex kienu jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' effett fuq il-kummerċ bejn Stati Membri u ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni.

38 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, għalkemm huwa minnu li l-għajnuna mill-Istat tista', bħala prinċipju, titqies bħala għajnuna eżistenti għaliex jista' jiġi stabbilit li din ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna fil-mument meta daħlet fis-seħħ, b'mod partikolari minħabba l-assenza ta' liberalizzazzjoni fis-suq ikkonċernat, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li tali assenza ta' liberalizzazzjoni ma teskludix neċessarjament li miżura ta' għajnuna tista' taffettwa l-kummerċ bejn Stati Membri u toħloq distorsjoni jew thedded li toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Ġunju 2010, Fallimento Traghetti del Mediterraneo, C-140/09, EU:C:2010:335, punt 49).

39 Fil-fatt, għajnuna mill-Istat tista' taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u toħloq distorsjoni jew thedded li toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni, minkejja li s-suq ikkonċernat ikun biss parzjalment miftuħ għall-kompetizzjoni.

40 Huwa biżżejjed li, fil-mument tat-tqegħid fis-seħħ ta' miżura ta' għajnuna, ikun hemm sitwazzjoni ta' kompetizzjoni effettiva fis-suq ikkonċernat sabiex intervent tal-Istat jew permezz tar-riżorsi tal-Istat ikun jista' jaffettwa l-kummerċ bejn Stati Membri u joħloq distorsjoni jew jhedded li joħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni.

41 F'dan il-każ, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 67 tal-konklużjonijiet tiegħu, iċ-ċirkustanza li s-suq tal-kabotaġġ marittimu inkwistjoni fil-kawża prinċipali ġie liberalizzat b'mezzi regolamentari biss wara l-għoti tas-sussidji inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tippermettix li jiġi eskluż li, qabel din il-liberalizzazzjoni, dawn kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imfakkra fil-punt 36 ta' din is-sentenza.

42 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta mill-punt 50 tas-sentenza tal-10 ta' Ġunju 2010, Fallimento Traghetti del Mediterraneo (C-140/09, EU:C:2010:335), ma jistax jiġi eskluż, minn naħa, li Tirrenia kienet f'kompetizzjoni ma' impriżi ta' Stati Membri oħra fuq ir-rotot interni kkonċernati u, min-naħa l-oħra, li hija kienet f'sitwazzjoni ta' kompetizzjoni ma' tali impriżi fuq ir-rotot internazzjonali u li, fl-assenza ta' kontabbiltà separata għall-attivitajiet differenti tagħha, kien hemm riskju ta' sussidji trażversali, jiġifieri riskju li d-dħul mill-attività tagħha ta' kabotaġġ li bbenefikat mis-sussidji inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienu ntużaw għall-benefiċċju ta' attivitajiet eżerċitati minnha fuq l-imsemmija rotot internazzjonali.

43 Għaldaqstant, mill-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, għalkemm is-suq ikkonċernat ma kienx formalment liberalizzat, jidher li dan is-suq, fiż-żmien tal-fatti tal-kawża prinċipali, kien suq kompetittiv u li s-sussidji mogħtija lil Tirrenia kienu jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn Stati Membri u joħolqu distorsjoni jew jheddu li joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni.

44 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jitqies li, sakemm is-sussidji inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienu jaqgħu, fil-mument tal-għoti tagħhom, taħt il-kunċett ta' "għajnuna mill-Istat" peress li dawn jissodisfaw il-kriterji kollha neċessarji għal dan il-għan, b'mod partikolari li dawn setgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn Stati Membri u joħolqu distorsjoni jew jheddu li joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni, liema fatt għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, dawn il-miżuri ma jistgħux, bħala prinċipju, jiġu kklassifikati bħala għajnuna eżistenti unikament minħabba l-assenza formali ta' liberalizzazzjoni tas-suq ikkonċernat.

45 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda hija li s-sussidji mogħtija lil impriża qabel id-data ta' liberalizzazzjoni tas-suq ikkonċernat, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala għajnuna eżistenti unikament

minħabba assenza formali ta’ liberalizzazzjoni tal-imsemmi suq fil-mument tal-għoti tagħhom, sakemm dawn is-sussidji setgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn Stati Membri u joħolqu distorsjoni jew jheddu li joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni, liema fatt għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

### *Fuq it-tieni domanda*

46 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar jekk, f’sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, hemmx lok li, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tas-sussidji inkwistjoni bħala għajnuna eżistenti jew bħala għajnuna ġdida, jiġi japplikat l-Artikolu 1(b)(iv) tar-Regolament Nru 659/1999, jew jekk għandhiex tibbażata ruħha fuq il-prinċipji ta’ protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta’ ċertezza legali.

47 Għal dak li jirrigwarda, qabelxejn, l-applikabbiltà tal-Artikolu 1(b)(iv) ta’ dan ir-regolament, f’sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jiġi osservat, fl-ewwel lok, li l-kunċett ta’ “għajnuna eżistenti” imsemmi f’din id-dispożizzjoni jidher li huwa marbut mill-qrib mar-rwol kif ukoll mal-funzjonijiet u mas-setgħat speċifiċi mogħtija lill-Kummissjoni fil-kuntest tas-sistema ta’ kontroll tal-għajnuna mill-Istat.

48 F’dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont l-imsemmija dispożizzjoni, għajnuna eżistenti għandha tinftiehem li hija għajnuna li titqies eżistenti skont l-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 659/1999.

49 Skont l-Artikolu 15(3) ta’ dan ir-regolament, kull għajnuna li fir-rigward tagħha t-terminu ta’ preskrizzjoni ta’ għaxar snin skada titqies bħala “għajnuna eżistenti”.

50 Min-naħa tiegħu, l-Artikolu 15(2) tal-imsemmi regolament jipprevedi li kull miżura meħuda mill-Kummissjoni jew minn Stat Membru, li jaġixxi fuq talba tal-Kummissjoni, fir-rigward tal-għajnuna illegali tinterrompi l-imsemmi terminu u li, ma kull interruzzjoni, dan it-terminu jerġa’ jibda jiddekorri.

51 Mill-formulazzjoni ta’ dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta li l-klassifikazzjoni ta’ għajnuna mill-Istat bħala għajnuna eżistenti, fis-sens tal-Artikolu 1(b)(iv) ta’ dan l-istess regolament, tiddependi, bħala prinċipju, mill-kwistjoni dwar jekk il-Kummissjoni tkunx ħadet jew le miżuri fir-rigward tal-għajnuna kkonċernata fit-terminu ta’ preskrizzjoni.

52 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 659/1999, huma s-setgħat tal-Kummissjoni fil-qasam tal-irkupru tal-għajnuna mill-Istat li huma suġġetti għal terminu ta’ preskrizzjoni ta’ għaxar snin.

53 Fit-tieni lok, għandu jiġi enfasizzat li, fil-kuntest tas-sistema ta’ kontroll tal-għajnuna mill-Istat, il-qrati nazzjonali għandhom rwol partikolari u għandhom ċertu livell ta’ indipendenza mill-Kummissjoni, b’mod partikolari meta jiġu aditi b’azzjoni għad-danni, fl-assenza ta’ deċiżjoni tal-Kummissjoni.

54 F’dan ir-rigward, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-implimentazzjoni ta’ din is-sistema ta’ kontroll hija r-responsabbiltà, minn naħa, tal-Kummissjoni u, min-naħa l-oħra, tal-qrati nazzjonali, fejn ir-rwoli rispettivi tagħhom huma komplementari iżda distinti (sentenza tal-21 ta’ Novembru 2013, Deutsche Lufthansa, C-284/12, EU:C:2013:755, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

55 B’mod partikolari, l-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà ta’ miżuri ta’ għajnuna mas-suq komuni taqa’ taħt il-kompetenza esklużiva tal-Kummissjoni, li taġixxi taħt l-istħarriġ tal-qrati tal-Unjoni, filwaqt li l-qrati nazzjonali għandhom jiżguraw li jiġu protetti d-drittijiet tal-individwi fil-każ ta’ ksur tal-obbligu ta’

notifika minn qabel tal-għajnuna mill-Istat lill-Kummissjoni previst fl-Artikolu 93(3) tat-Trattat KEE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2006, Transalpine Ölleitung in Österreich, C-368/04, EU:C:2006:644, punt 38).

56 Fit-twettiq tal-kompiti tagħhom, il-qrati nazzjonali jistgħu jilqgħu talbiet għall-kumpens ta' danni kkawżati mill-għajnuna mill-Istat illegali lill-kompetituri tal-benefiċjarju.

57 Fil-fatt, kif osserva essenzjalment l-Avukat Ġenerali fil-punti 82 u 84 tal-konklużjonijiet tiegħu, fil-kuntest ta' tali azzjonijiet għad-danni, dawn il-qrati, li jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom ta' salvagwardja tad-drittijiet tal-individwi, igawdu minn ċerta indipendenza fir-rigward tal-intervent tal-Kummissjoni b'mod li l-possibbiltà li jintalbu d-danni hija, bħala prinċipju, indipendenti minn kwalunkwe proċedura ta' investigazzjoni parallela mmexxija mill-Kummissjoni dwar l-għajnuna inkwistjoni.

58 F'dan ir-rigward, hija ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-ftuħ mill-Kummissjoni tal-proċedura ta' investigazzjoni formali ta' għajnuna mill-Istat ma tistax teżonera lill-qrati nazzjonali mill-obbligu tagħhom li jipproteġu d-drittijiet tal-individwi fil-każ ta' ksur eventwali tal-Artikolu 93(3) tat-Trattat KEE (sentenza tal-21 ta' Novembru 2013, Deutsche Lufthansa, C-284/12, EU:C:2013:755, punt 32).

59 Bl-istess mod, għandu jitfakkar, għal dak li jirrigwarda l-livell ta' indipendenza tal-qrati nazzjonali, li, bil-periklu li jiġi ppreġudikat l-effett dirett tal-aħħar sentenza tal-Artikolu 93(3) tat-Trattat KEE u li ma jiġux irrispettati l-interessi tal-individwi li l-qrati nazzjonali għandhom id-dover li jħarsu, deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara għajnuna mhux innotifikata kompatibbli mas-suq komuni ma għandhiex l-effett li tirregolarizza, *a posteriori*, l-atti ta' implimentazzjoni li huma invalidi minħabba li ġew adottati bi ksur tal-projbizzjoni prevista minn din id-dispożizzjoni. Kwalunkwe interpretazzjoni oħra twassal sabiex tiffavorixxi n-nuqqas ta' osservanza, mill-Istat Membru kkonċernat, ta' din id-dispożizzjoni u ċċaħħadha mill-effett utli tagħha (sentenza tal-5 ta' Ottubru 2006, Transalpine Ölleitung in Österreich, C-368/04, EU:C:2006:644, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

60 Għaldaqstant, meta rikorrent jirnexxielu juri quddiem il-qorti nazzjonali li jkun ġarrab dannu kkawżat mill-implimentazzjoni prematura ta' għajnuna mill-Istat u, b'mod iktar speċifiku, minħabba l-vantaġġ *ratione temporis* illegali li minnu jkun gawda l-benefiċjarju, l-azzjoni għad-danni tista', bħala prinċipju, tintlaqa' anki jekk il-Kummissjoni, fil-mument meta l-qorti nazzjonali tiddeċiedi dwar it-talba, tkun diġà approvat l-għajnuna kkonċernata.

61 Mill-kunsiderazzjonijiet imsemmija fil-punti 47 sa 60 ta' din is-sentenza jirriżulta li, fid-dawl tar-rwol li għandhom il-qrati nazzjonali fis-sistema ta' kontroll ta' l-għajnuna mill-Istat kif ukoll tal-grad ta' indipendenza mill-Kummissjoni, b'mod partikolari meta jiġu aditi b'azzjoni għad-danni fl-assenza ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni, għandu jitqies, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 91 tal-konklużjonijiet tiegħu, li l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin previst fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 659/1999 tillimita *ratione temporis* unikament is-setgħat tal-Kummissjoni fil-qasam tal-irkupru tal-għajnuna mill-Istat.

62 Għaldaqstant, l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni previst fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 659/1999 ma tistax ikollha l-effett li tirregolarizza retroattivament l-għajnuna mill-Istat ivvizzjata minn illegalità, minħabba s-sempliċi fatt li din issir għajnuna eżistenti fis-sens tal-Artikolu 1(b)(v), u, sussegwentement, li ċċaħħad minn kull bażi legali rikors għad-danni ppreżentat kontra l-Istat Membru kkonċernat mill-individwi u mill-kompetituri affettwati mill-għoti tal-għajnuna illegali.

63 Kull interpretazzjoni oħra tnaqqas il-portata tal-obbligu ta' notifika tal-miżuri ta' għajnuna impost fuq l-Istati Membri u, għalhekk, iċċaħħad l-Artikolu 93(3) tat-Trattat KEE mill-effett utli tiegħu, b'mod partikolari, meta din id-dispożizzjoni ma tagħmel ebda riferiment għar-rwol u għall-funzjonijiet u għas-setgħat speċifiċi tal-Kummissjoni.

64 Għal dak li jirrigwarda d-dubji tal-qorti tar-rinviju, li jirriżultaw mis-sentenza tas-16 ta' April 2015, Trapeza Eurobank Ergasias (C-690/13, EU:C:2015:235), fir-rigward tal-applikabbiltà tal-Artikolu 1(b)(iv) tar-Regolament Nru 659/1999 għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tas-sussidji inkwistjoni fil-kawża prinċipali bħala għajnuna eżistenti jew bħala għajnuna ġdida, għandu jiġi enfasizzat, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 102 tal-konklużjonijiet tiegħu, li l-kawża li tat lok għal din is-sentenza ma kinitx tirrigwarda azzjoni għad-danni, iżda l-kwistjoni dwar jekk id-dispożizzjonijiet nazzjonali, li jistabbilixxu l-privileġġi potenzjalment inkompatibbli mar-regoli tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, għandhomx ikunu s-suġġett ta' notifika fis-sens ta' l-Artikolu 88(3) KE u, fl-affermattiv, jekk dawn id-dispożizzjonijiet jibqgħu ma japplikawx.

65 Għaldaqstant, minn din il-ġurisprudenza ma jistax jitnissel l-argument li d-definizzjoni tal-kunċett ta' "għajnuna eżistenti" fl-Artikolu 1(b)(iv) tar-Regolament Nru 659/1999 hija applikabbli fil-kuntest ta' azzjoni għad-danni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

66 Barra minn hekk, għandu jitfakkar li, sa fejn ir-Regolament Nru 659/1999 fih regoli ta' natura proċedurali li japplikaw għall-proċeduri amministrattivi kollha fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat pendenti quddiem il-Kummissjoni, dan jikkodifika u jsaħħaħ l-prassi tal-Kummissjoni fil-qasam tal-investigazzjoni tal-għajnuna mill-Istat u ma fih l-ebda dispożizzjoni dwar is-setgħat u l-obbligi tal-qrati nazzjonali, li jibqgħu rregolati mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Ottubru 2006, Transalpine Ölleitung in Österreich, C-368/04, EU:C:2006:644, punti 34 u 35).

67 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li d-definizzjoni tal-kunċett ta' "għajnuna eżistenti" fl-Artikolu 1(b)(iv) tar-Regolament Nru 659/1999 ma huwiex applikabbli għal sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

68 Għal dak li jirrigwarda, sussegwentement, l-invokabbiltà tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, għandu jiġi osservat li dan il-prinċipju ma jistax jiġi invokat minn persuna li tkun kisret id-dritt fis-seħħ (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Lulju 2005, ThyssenKrupp vs Il-Kummissjoni, C-65/02 P u C-73/02 P, EU:C:2005:454, punt 41)

69 Din il-konstatazzjoni hija, kif l-Avukat Ġenerali osserva fil-punt 109 tal-konklużjonijiet tiegħu, iktar valida fir-rigward ta' entitajiet statali li jkunu taw għajnuna mill-Istat bi ksur tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 93(3) tat-Trattat KEE.

70 Minn dan isegwi li, fil-każ fejn is-sussidji jkunu ngħataw bi ksur tal-obbligu ta' notifika minn qabel stabbilit fl-Artikolu 93(3) tat-Trattat KEE, l-entitajiet statali ma jistgħux jinvokaw il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2005, Unicredito Italiano, C-148/04, EU:C:2005:774, punt 104).

71 Fl-aħħar nett, għal dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' ċertezza legali f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jitfakkar li t-termini ta' preskrizzjoni jaqdu, b'mod ġenerali, il-funzjoni li tiġi żgurata ċ-ċertezza legali (ara s-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2013, Unanimes *et*, C-671/11 sa C-676/11, EU:C:2013:388, punt 31). Issa, sabiex jaqdu l-funzjoni tagħhom li jiżguraw iċ-ċertezza legali, dawn it-termini għandhom jiġu stabbiliti minn qabel u kull applikazzjoni "b'analoġija" ta' terminu ta' preskrizzjoni għandha tkun suffiċjentement prevedibbili għal dawk suġġetti għaliha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Mejju 2011, Ze Fu Fleischhandel u Vion Trading, C-201/10 u C-202/10, EU:C:2011:282, punt 32 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

72 F'dan ir-rigward, u billi ma teżistix leġiżlazzjoni Komunitarja f'dan il-qasam, huwa l-ordinament ġuridiku nazzjonali ta' kull Stat Membru li għandu jindika l-qrati kompetenti u jirregola l-modalitajiet proċedurali ta' azzjonijiet ġudizzjarji intiżi sabiex jiżguraw il-protezzjoni tad-drittijiet li l-partijiet għandhom bis-saħħa tad-dritt Komunitarju, bil-kundizzjoni, minn naħa, li dawn il-modalitajiet ma jkunux inqas favorevoli minn dawk li jirrigwardaw drittijiet li joriġinaw mill-ordinament ġuridiku

nazzjonali (prinċipju ta' ekwivalenza) u, min-naħa l-oħra, li ma jirrendux impossibbli jew eċċessivament diffiċli, fil-prattika, l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku Komunitarju (prinċipju ta' effettività) (sentenza tal-5 ta' Ottubru 2006, Transalpine Ölleitung in Österreich, C-368/04, EU:C:2006:644, punt 45).

73 Għaldaqstant, l-uniċi regoli ta' preskrizzjoni applikabbli f'dan il-każ huma dawk tad-dritt nazzjonali, interpretati fid-dawl tal-prinċipji ta' effettività u ta' ekwivalenza.

74 F'dan il-kuntest, ikun bi ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali jekk jiġi applikat b'analoġija t-terminu ta' għaxar snin previst fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament Nru 659/1999 għal azzjoni għad-danni kontra l-Istat Membru kkonċernat minn kompetitur tal-kumpannija benefiċjarja tal-għajnuna mill-Istat.

75 Fil-fatt, ma jistax jiġi impost fuq individwu terminu ta' preskrizzjoni stabbilit minn dispożizzjoni li huwa intiż biss sabiex jillimita *ratione temporis* is-setgħat tal-Kummissjoni fil-qasam tal-irkupru tal-għajnuna mill-Istat. L-iskadenza ta' tali terminu ma tistax tostakola l-istabbiliment quddiem il-qorti nazzjonali tar-responsabbiltà tal-Istat għal ksur tal-obbligu ta' notifika minn qabel previst fl-Artikolu 93(3) tat-Trattat KEE.

76 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għat-tieni domanda hija li l-Artikolu 1(b)(iv) tar-Regolament Nru 659/1999 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma japplikax għal sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Sa fejn is-sussidji inkwistjoni fil-kawża prinċipali ngħataw bi ksur tal-obbligu ta' notifika minn qabel stabbilit fl-Artikolu 93 tat-Trattat KEE, l-entitajiet statali ma jistgħux jinvokaw il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. F'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn azzjoni għad-danni kontra l-Istat Membru titressaq minn kompetitur tal-kumpannija benefiċjarja, il-prinċipju ta' ċertezza legali ma jippermettix li jiġi impost fuq ir-rikorrent, permezz ta' applikazzjoni b'analoġija, terminu ta' preskrizzjoni bħal dak stabbilit fl-Artikolu 15(1) ta' dan ir-regolament.

**Fuq l-ispejjeż**

77 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Is-sussidji mogħtija lil impriża qabel id-data ta' liberalizzazzjoni tas-suq ikkonċernat, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala għajnuna eżistenti unikament minħabba assenza formali ta' liberalizzazzjoni tal-imsemmi suq fil-mument tal-għoti tagħhom, sakemm dawn is-sussidji setgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn Stati Membri u joħolqu distorsjoni jew jheddu li joħolqu distorsjoni tal-kompetizzjoni, liema fatt għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.**

2) **L-Artikolu 1(b)(iv) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu [108 TFUE] għandu jiġi interpretat fis-sens li ma japplikax għal sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Sa fejn is-sussidji inkwistjoni fil-kawża prinċipali ngħataw bi ksur tal-obbligu ta' notifika minn qabel stabbilit fl-Artikolu 93 tat-Trattat KEE, l-entitajiet statali ma jistgħux jinvokaw il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. F'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn azzjoni għad-danni kontra l-Istat Membru titressaq minn**

**kompetitur tal-kumpannija benefiċjarja, il-prinċipju ta' ċertezza legali ma jippermettix li jiġi impost fuq ir-rikorrent, permezz ta' applikazzjoni b'analoġija, terminu ta' preskrizzjoni bħal dak stabbilit fl-Artikolu 15(1) ta' dan ir-regolament.**

Firem